# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA L-EWWEL PARTI QORTI KOSTITUZZJONALI

**20 ta' Frar, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Perit Vincent Galea

*versus*

*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubblika u s-Segretarju Amministrattiv

**Impjegat – Gvern – Servizz Ċivili – Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Diskriminazzjoni Politika – Bord tad-Dixxiplina**

*Ir-rikorrent kien impjegat tal-Gvern. Huwa ġie mgħoddi minn passi ta' dixxiplinja quddiem il-Bord tad-Dixxiplina u l-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku billi kien jippublika artikoli fil-gazzetti partiġjani. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li t-trattament li kien irċieva r-rikorrent kien jammonta għal diskriminazzjoni politika u llikwidat favur tiegħu d-danni minnu sofferti. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Fil-konsiderazzjoni ta' jekk persuna tkunx ġiet assoġġettata għal diskriminazzjoni politika d-dipartimenti kollha tal-Gvern jitqiesu bħala ħaġa waħda u tiġi kkunsidrata l-prassi fid-dipartimenti kollha biex wieħed iqis hemmx diskriminazzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Perit Vincent Galea fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn wara li espona:

(1) Illi huwa impjegat fis-Servizz Pubbliku;

(2) Illi fis-6 ta' Diċembru, 1983, huwa ppubblika artikolu fil-gazzetta, In...Tagħna jismu "Il-Poter";

(3) Illi huwa attiv fil-politika u fl-aħħar elezzjoni kkontesta bħala kandidat tal-Partit Nazzjonalista;

(4) Illi fl-20 ta' Diċembru, 1983, huwa ġie akkużat quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, b'diversi akkużi, fosthom illi "minkejja li ġejt imwissi, bħala uffiċjal pubbliku, li ma tistax, skond ir-Regolamenti tikkontribwixxi fil-ġurnali artikoli ta' natura politika jew amministrattiva, inti injorajt it-twissijiet u bqajt xorta waħda tikteb artikoli ta' xejra politika/amministrattiva";

(5) Illi fis-6 ta' Jannar, 1984, huwa ġie sospiż mill-funzjonijiet tiegħu fuq ordni tat-tieni intimat;

(6) Illi fl-20 ta' Frar, 1984, il-Bord tad-Dixxiplina rrakomanda illi l-esponent jinsab ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu;

(7) Illi b'ittra tal-25 ta' Mejju, 1984, l-esponent ġie infurmat illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet ħelsitu mill-akkużi kollha, imma sabitu ħati ta' l-akkuża msemmija fir-raba' paragrafu ta' dan ir-rikors referibbilment għall-pubblikazzjoni ta' artikolu fil-ġurnal In-Tagħna;

(8) Dwar din l-akkuża huwa ġie mwaħħal is-somma ta' mitt lira (Lm100), tilef is-salarju mid-data ta' l-interdizzjoni sad-29 ta' Marzu, 1984. L-interdizzjoni tiegħu ġiet imneħħija;

(9) Għalkemm l-interdizzjoni tiegħu ġiet imneħħija meta l-esponent mar lura għax-xogħol, huwa ġie miżmum, u għadu hekk miżmum sal-lum;

(10) Illi diversi uffiċjali pubbliċi oħrajn jiktbu f'ġurnali politiċi tal-Partit tal-Gvern u ma ttieħdu ebda passi dixxiplinari kontra tagħhom;

(11) Illi dan l-aġir jikkostitwixxi diskriminazzjoni fuq bażi politika, ipprojbita mill-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Talab li dik il-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet ta' l-esponent, fosthom illi ssib lill-intimati ħatja ta' diskriminazzjoni politika, tannulla d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ta' l-istess Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha l-esponent ġie misjub ħati;

Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimati *Chairman* tal-Kummissjoni

dwar is-Servizz Pubbliku u s-Segretarju Amministrattiv illi dik il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tar-rikors biex tissindika l-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku billi għal dak il-fini josta l-projbizzjoni ta' l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni. Salvi eċċezzjonijiet oħra fi stadju ulterjuri f'każ ta' bżonn;

Rat il-verbal tas-17 ta' Lulju, 1984 (fol.6 tal-proċess) fejn, fuq talba ta' l-imsemmija Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni preliminari u in linea sussdijarja l-intimati eċċepew li ma saret l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent;

Rat ir-risposta tal-kjamati in kawża, ippreżentata fl-udjenza ta' l-24 ta' Ottubru, 1985 (fol. 163 tal-proċess), fejn l-imsemmija kjamati in kawża, bla preġudizzju għal eċċezzjonijiet oħra minnhom issollevati, eċċepew li ma għamlu l-ebda diskriminazzjoni kontra r-rikorrent ibbażata fuq xi fehma jew twemmin politiku tiegħu;

Rat is-sentenza ta' dik l-imsemmija Qorti tat-22 ta' Settembru, 1986, li, wara li għamlet riferenza sħiħa għad-deċiżjonijiet *'in parte'* mogħtija minn din il-Qorti fil-21 ta' Jannar, 1985, u fil-21 ta' Ottubru, 1985 – liema deċiżjonijiet għandhom jitqiesu bħala formanti parti integrali mill-korp ta' dik is-sentenza – ma sabitx ħati ta' diskriminazzjoni politika lill-intimat *Chairman* tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku u lliberatu mill-osservanza ta' dik it-talba; iżda sabet ħatja ta' diskriminazzjoni politika bi ksur ta' l-artikolu 46 (il-lum fl-Edizzjoni Riveduta artikolu 45) tal-Kostituzzjoni lit-tliet intimati l-oħra, u ċjoè, lill-intimat oriġinali Segretarju Amministrattiv u lill-kjamati in kawża Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u Sport

kif ukoll lid-Direttur tax-Xogħlijiet, u kwindi annullat id-deċiżjoni/jiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha r-rikorrent ġie misjub ħati, ordnat ir-rijammissjoni immedjata u inkondizzjonata tar-rikorrent fuq il-post tax-xogħol tiegħu mingħajr tnaqqis ta' kwalsiasi benefiċċju li tiegħu l-istess rikorrent kien intitolat għalih fil-perijodu li matulu ma ddaħħalx għax-xogħol, u li jiġu mħallsa lilu minnufih:

(a) nofs il-paga mid-data tas-sospensjoni tiegħu kif fuq ingħad;

(b) nofs il-*bonus* li ma ġiex imħallas fl-imsemmi perijodu;

(ċ) kull *"increment"* jew żieda li għaliha huwa kien intitolat fil-grad tiegħu dipartimentali;

(d) interessi perċepiti bis-sitta fil-mija (6%) (u mhux bit-tmienja fil-mija (8%) kif mitlub *stante* li d-debitu hu wieħed ċivili u mhux kummerċjali) minn kull skadenza sal-ħlas effettiv; u ordnat li l-kap ta' l-ispejjeż jiġi ssopportat mill-intimati Segretarju Amministrattiv, Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u Direttur tax-Xogħlijiet, ad eċċezzjoni ta' l-ispejjeż relattivi għall-intimat *Chairman* tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ jibqgħu bla taxxa, u ad eċċezzjoni wkoll ta' l-ispejjeż ġudizzjarji relattivi għall-proċeduri u deċiżjonijiet mogħtija fil-21 ta' Jannar, 1985, u fil-21 ta' Ottubru, 1985, rispettivament li dwarhom diġà hemm ipprovdut fl-imsemmija sentenzi; u dan wara li kkunsidrat:

Illi fil-qosor il-fatti saljenti kienu dawn:

Ir-rikorrenti, li għandu l-lawrja u professjoni ta' arkitett, kien jokkupa l-kariga ta' *"Professional Officer, grade one"* fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet, u kwindi huwa impjegat fis-Servizz Pubbliku. Fis-6 ta' Diċembru, 1983, deher artikolu miktub minnu fil-ġurnal "**In...Tagħna**" jismu "Il-Poter". Fl-20 ta' Diċembru, 1983, *ir-rikorrent ġie akkużat quddiem il-Bord tad-*Dixxiplina dwar is-Servizz Pubbliku, b'diversi akkużi, fosthom illi "Minkejja li ġejt imwissi, bħala uffiċjal pubbliku, li ma tistax, skond ir-Regolamenti tikkontribwixxi fil-ġurnali artikoli ta' natura politika jew amministrattiva inti injorajt it-twissijiet u bqajt xorta waħda tikteb artikoli ta' xejra *politika/* amministrattiva". Fis-6 ta' Jannar, 1984, ir-rikorrent ġie sospiż mill-funzjonijiet tiegħu fuq ordni tas-Segretarju Amministrattiv. Fil-25 ta' Mejju, 1984, ir-rikorrenti ġie infurmat illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet ħelsitu mill-akkużi kollha, imma *sabitu ħati ta'* l-akkuża li huwa kien ikkontribwixxa b'kitba f'ġurnali, liema kitba kienet ta' natura politika jew amministrattiva u nonostante li kien ġie mwissi preċedentement. Hu ġie penalizzat u kkundannat iħallas is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) u tilef is-salarju mid-data ta' l-interdizzjoni sad-29 ta' Marzu, 1984. L-interdizzjoni tiegħu ġiet imneħħija, b'danakollu però meta r-rikorrent mar lura għax-xogħol, huwa ġie impedut u sallum għadu hekk miżmum. Fuq dan l-aħħar stat ta' fatt, proprju fl-aħħar seduta (dik tad-29 ta' Lulju, 1986) xehed il-kjamat in kawża, l-Onor. Ministru Sant fejn qal hekk:

"Jiena ma nistax naċċetta persuna li nonostante *illi* għaddew proċeduri kontra tiegħu u ġie misjub ħati in parti, huwa ma ta l-ebda garanzija jew wera xi intenzjoni li b'xi mod kien ser jieqaf mill-aġir tiegħu preċedenti. Mhux possibbli li jkun hemm persuna illi tibqa' taġixxi b'dan il-mod u tkun trid taħdem ukoll *ma' persuni ta' fehmiet politiċi differenti* minn tagħha, meta dan

ix-xogħol tagħha jkun jimplika wkoll li trid teżerċita wkoll ċertu ammont ta' dixxiplina fuq persuni oħra li jaħdmu fl-istess dipartiment'';

Aktar tard kompla jixhed hekk:

''Jiena nippretendi li anke r-rikorrent Galea stess għandu jaċċetta l-fatt li ma jistax ikun li joqgħod jikteb ċerta kitba li jsaħħan ħaddiema oħrajn kontra tiegħu stess u kontra d-Dipartiment u min imexxih u kontra tiegħi bħala Ministru, imbagħad jippretendi li qisu ma ġara xejn u jkompli jaħdem fl-istess Dipartiment. Jiena lest, u dan qed ngħidu bla preġudizzju għall-punti legali li hemm involuti, illi kemm-il darba jkolli affidament ta' din ix-xorta min-naħa tas-Sur Galea, huwa jkun jista' jirritorna għax-xogħol liberament. Dan huwa l-minimu li wieħed ikun jistenna minn impjegat'';

In kontroeżami, u dejjem dwar dan il-punt, ix-xhud spjega li:

''Jekk ma waslitx dak illi xtaqt jien bħala Ministru min-naħa tar-rikorrenti Galea, qed nagħmilhielu llum, fis-sens li jiena nixtieq li jkun hemm affidament li (ir-rikorrent) jimxi skond ma jgħidu r-regolamenti ta' l-Estacode. Jiena jista' jkun li fil-fatt din il-fehma tiegħi kont irriferejtha lill-Aġent Direttur ta' dak iż-żmien, imma naturalment issa għadda ż-żmien u ma nistax inkun kategoriku. Jekk kienet però, definittivament kienet bil-fomm, u ma ġie rreġistrat xejn'';

L-Aġent Direttur ta' allura, is-Sur Godwin Drago xehed (ara xiehda a fol. 152) li jaf li wara li nqata' l-każ ta' Galea kitbulhom mill-*Establishments''* biex ir-rikorrent ikun jista'

jerġa' jibda fl-impjieg tiegħu għax il-proċeduri kontrih kienu ntemmu. Is-Sur Drago żied jgħid hekk:

"Aħna però ma daħħalniehx. Ma daħħalniehx għax jien nkun irrid *"clearance"* mis-Superjuri tiegħi fid-Dipartiment tiegħi, u qabel ma tiġi din il-*"clearance"*, jiena ma nistax naċċetta impjegat lura, u din il-*"clearance"* ma ġitnix";

"Jiena ma nafx jekk tlabtx *"clearance"* bil-miktub jew le. Meta qed nirreferi għas-"superjuri tiegħi" qed nirreferi mhux għall-Ministru *"as such"* imma għall-Ministeru, għaliex id-Dipartiment huwa suġġett għall-Ministeru";

Xehed ukoll fuq dan il-punt is-Sur Anthony *sive* Tony Borg, Assistent Kap fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet bi dmirijiet ta' Segretarju privat tal-Ministru kkonċernat. Dan xehed li l-passi kontra r-rikorrenti ttieħdu fuq responsabbilità tad-Direttur – fatt li l-anqas l-istess Ministru ma jgħidu. Imbagħad ix-xhud kompla jixhed hekk (ara fol. 192):

"Aħna ma rċevejna l-ebda struzzjonijiet wara li spiċċa l-każ mis-Segretarju Amministrattiv, jiġifieri jiena ngħid li aħna ma rċevejna l-ebda struzzjonijiet, il-Ministeru, mingħand is-Segretarju Amministrattiv. Però, naf li kien hemm struzzjonijiet tali li rċevihom id-Direttur tax-Xogħlijiet. Naf illi l-istruzzjonijiet kienu fis-sens illi r-rikorrent għandu jiddaħħal lura għax-xogħol";

Bil-mod kif kompla jixhed is-Sur Borg, l-impressjoni mħollija hi waħda ta' ċirku vizzjuż li permezz tiegħu r-rikorrent baqa' ma ġiex ammess lura fuq xogħlu bir-riżultat li jekk kien hemm ksur Kostituzzjonali, kif qiegħed jiġi allegat, dan il-ksur ikkomplika ruħu u aggrava ruħu bla bżonn;

"Is-Sur Drago – kompla x-xhud Tony Borg – ġie jkellimni dwar l-istruzzjonijiet li rċieva mingħand l-*Administrative Secretary* lilu. Jiena rriferejt il-każ lis-Superjur tiegħi, li hu l-Onorevoli Ministru, u dan tani x'nifhem li hu kien ikkonsulta *a sua volta* lil xi ħaddieħor u kien qalli biex jiena ngħid lis-Sur Drago biex għalissa ma jdaħħalx lura għax-xogħol lir-rikorrenti. Fil-fatt jiena kellimtu f'dan is-sens lis-Sur Drago u kkomunikajtlu dak li qalli l-Ministru";

Is-Sur Borg xehed li huwa ma kienx jaf min setgħet kienet din il-persuna li magħha allegatament tkellem il-Ministru tiegħu;

Il-posizzjoni ġiet mogħtija verżjoni kemmxejn differenti, u aktar preċiża u ċara però, mill-intimat Segretarju Amministrattiv. Dan xehed (ara fol. 115) li huwa kiteb lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet fejn infurmahom illi fil-fehma tiegħu r-rikorrenti għandu jiddaħħal lura għax-xogħol. Billi, skond ix-xhud, id-Dipartiment beda jinsisti għal proċeduri ġodda kontra r-rikorrenti għal allegati nuqqasijiet oħra ġodda min-naħa tiegħu, huwa baqa' dejjem jinsisti **illi l-ewwel għandu jiddaħħal lura r-rikorrenti u mbagħad,** *se mai,* jittieħdu proċeduri ġodda kontra r-rikorrenti mid-Dipartiment ikkonċernat. Fil-fatt kienet din l-asserzjoni kategorika da parti ta' l-intimat Segretarju Amministrattiv li fl-aħħar wasslet għat-talba da parti tar-rikorrent, li ġiet akkordata, għas-sejħa fil-kawża bħala intimati ta' l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u tad-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Din il-preża ta' posizzjoni min-naħa tas-Segretarju Amministrattiv ġiet ukoll rikonoxxuta mis-Sur Drago fil-kors tad-deposizzjoni tiegħu. Fl-aħħar tad-deposizzjoni tiegħu s-Sur Joseph Sammut għalaq hekk:

"Fil-fehma tiegħi ma kien hemm l-ebda dritt f'dan il-każ

illi jibqa' ma jiddaħħalx ir-rikorrenti għax-xogħol tiegħu wara dak li kont ikkomunikajt jien''. Is-suespost allura juri b'mod evidenti kemm id-daħla taż-żewġ kjamati-in-kawża kienet u għadha meħtieġa għal fini ta' din i-proċedura li *in ultima analisi*, jekk tintlaqa' b'mod favorevoli għal dak li qiegħed jitlob ir-rikorrenti għandha twassal għad-dħul lura tiegħu fix-xogħol fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet;

Niġu issa għall-aspett prinċipali ta' dan ir-rikors, jiġifieri l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-aġir ta' l-intimati jikkostitwixxi diskriminazzjoni fuq bażi politika bi ksur ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Għandu jingħad hawn li r-rikorrenti *ex admissis* jistqarr illi huwa persuna attiva fil-politika u li fl-aħħar elezzjoni kkontesta bħala kandidat tal-Partit Nazzjonalista. Dik il-Qorti, anki kif ippresjeduta, (ara d-deċiżjoni tagħha *in re:* **Carmel Cacopardo *vs* Ministru tax-Xogħol *et*** mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 1985) kellha okkażjonijiet li fihom spjegat u enunċjat fit-tul x'jikkostitwwixi diskriminazzjoni ta' natura politika. Deċiżjonijiet oħra li jistgħu jiġu ċċitati b'approvazzjoni in materja huma *in re:* **Av. Dott. T. Borg *nomine vs* Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali (Prim'Istanza) fit-2 ta' Mejju, 1984; **E. Vassallo *vs* Kummissarju tal-Pulizija** mogħtija fis-16 ta' Awissu, 1976. B'mod ġeneriku l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jagħti *inter alia* protezzjoni minn diskriminazzjoni minħabba opinjonijiet politiċi u jkompli biex ifisser (ara s-sub-artikolu (3) ) li l-kelma ''diskriminatorju'' hija għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, **opinjonijiet politiċi,** kulur jew fidi li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra

bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn. Il-bażi fattwali tat-teżi tar-rikorrent hija illi diversi uffiċjali pubbliċi oħrajn jiktbu f'ġurnali politiċi tal-Partit tal-Gvern u ma ttiħdux passi dixxiplinari kontra tagħhom. In sostenn ta' dan, ir-rikorrent tella' jixhdu diversi persuni;

Xehed l-Avukat Wenzu Mintoff in konnessjoni ma' artikolu li kiteb fil-gazzetta **it-Torċa** tas-6 ta' Jannar, 1985 intitolat "Malta – Polonja (Posposta Minħabba ċ-Ċpar)". Dan l-artikolu hu ta' xejra politika (Ara Dok. XX). F'seduta sussegwenti xehed James *sive* Jimmy Vella, *Agricultural Inspector* fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura li qal li huwa ġieli kiteb f'gazzetti lokali fosthom **fl-Orrizont** u fit-**Torċa**. Ikkonferma li kien l-awtur ta' artikolu li deher fil-ħarġa ta' l-Orrizont ta' l-1 ta' April, 1984, intitolat "Il-Messaġġ ta' Mintoff". Dan ix-xhud elabora hekk:

"Jiena ma ħadtx permess biex nikteb però l-anqas kont naf li trid permess bħal dan. Qatt ħadd ma ġibidli l-attenzjoni dwar il-kitbiet tiegħi mis-Servizz Pubbliku jew mis-Superjuri tiegħi u l-ebda passi ma ttieħdu kontra tiegħi allura";

Xehed ukoll, ossija saret riferenza għax-xiehda mogħtija minn Christopher Fearne (ara fol. 256) li kien student-ħaddiem, sponsorizzat mid-Dipartiment tas-Saħħa. Hu kien l-awtur ta' artikolu jismu *"Education and Religion" li deher fil-ħarġa tal-"Weekend Chronicle"* ddatat l-1 ta' Settembru, 1984. Xehed ukoll ir-Reverendu Monsinjur Anton Gauci, *Headmaster* fil-Liceo t'Għawdex. Ix-xhud ġie muri diversi artikoli li dehru taħt ismu, ukoll ta' xejra politika. Ix-xhud żied jgħid li huwa kellu

permess sabiex jikteb u qatt ma ttieħdu passi dixxiplinari kontrih;

Xehed ukoll John Baldacchino, *student worker.* Dan ikkonferma li kien l-awtur ta' artikolu li deher fit-**Torċa** ddatata 30 ta' Settembru, 1984 bit-titolu ''Jien Komunist'', u ieħor fl-istess ġurnal iddatat 3 ta' Ġunju, 1984 f'forma ta' ittra twila f'rubrika bl-isem ''Il-Fehma tal-Qarrejja'' u bl-isem ''Il-Moviment tal-Ħaddiema u l-Kapitalist''. Barra minn dan, l-istess xhud jgħid li huwa ġieli pinġa xi karikartura f'ġurnali, però dan taħt psewdonimu, per eżempju fir-rivista **Il-Ħsieb.** Għamel karikaturi oħrajn kemm qabel ma kien student-ħaddiem, kif ukoll waqt li kien għadu hekk, anke fil-ġurnal **l-Orrizont.** Qatt ma ttieħdu passi dixxiplinari kontra tiegħu;

L-Avukat Mintoff, riprodott, xehed li l-artikoli tiegħu li dehru fuq ġurnali lokali kienu ta' natura argumentattiva. Qatt ma kien talab permess biex jikteb però ma ttiħdux passi dixxiplinari kontrih;

Xehed ukoll Michael Schembri, student-ħaddiem fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u hekk kien ukoll tul is-sena 1984. Hu kiteb f'ġurnali bħal **l-Orizzont, it-Torċa u Iż-Żminijiet.** Wieħed mill-artikoli li kiteb semmih ''Ma Naqblux mad-Dejma''. Passi dixxiplinari qatt ma ttieħdu kontrih. Huwa ma talabx permessi biex jikteb. L-artikolu msemmi deher fil-ħarġa tal-gazzetta **Żminijietna** tax-xahar ta' Marzu, 1984, pubblikazzjoni tal-Partit Komunista ta' Malta;

Fil-kors tat-trattazzjoni tiegħu l-abili difensur ta' l-intimati li kien wieħed għal kollha kemm huma, irrileva li kull intimat kien qiegħed jgħaddi proċess għalih. Qal ukoll li kien dmir tal-Ministru kkonċernat, bħalma kien dmir ukoll tal-Kap tad-

Dipartiment tax-Xogħlijiet li jirreferu l-każ tar-rikorrenti lis-Segretarju Amministrattiv li, *a sua volta*, irriferih għall-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Ma kien hemm ebda każ ta' xi impjegat ieħor fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet illi kiteb artikoli politiċi tax-xejra li kiteb ir-rikorrenti u kwindi ma saret ebda diskriminazzjoni *di fronte* Galea. Dan ħa l-kastig li kien jimmeritah skond ir-regolamenti ta' l-impjieg tiegħu u jekk kien hemm xi ostakolu għar-rijammissjoni tiegħu fuq il-post tax-*xogħol, tali vertenza ma kinitx* u m'hix kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali għax hi kwistjoni purament ċivili. Fid-deċiżjoni ta' dik il-Qorti, kif ippresjeduta, *in re:* **Cacopardo vs Ministru tax-Xogħlijiet** mogħtija fil-25 ta' Ġunju, 1985, ġie ritenut u osservat ukoll illi l-Qorti ma tistax taċċetta l-argument li dakinhar kien ġie ssollevat mill-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet fis-sens li huwa kien responsabbli biss għal dak li jiġri fid-Dipartiment tiegħu u li fl-uniku każ ieħor irrappurtat lilu huwa ħa passi wkoll. *Il-Qorti m'aċċettatx dan l-argument għaliex sostniet li una volta* li l-Aġent Direttur assuma fuq spallejh ir-responsabbilità tal-proċeduri inizjati, huwa kien ukoll fid-dmir li jara x'jiġri f'każijiet simili f'Dipartimenti Governattivi oħrajn. Fil-każ ta' **Cacopardo** kien hemm *"dismissal"* ta' l-impjegat u dik il-Qorti kkumentat hekk:

"Huwa tassew assurd li jkun hemm sitwazzjoni fejn *ħaddiem jew student f'Dipartiment mod jitħalla jikteb f'ġurnali* lokali, inklużi ġurnali politiċi, u ieħor li jagħmel **l-istess** però f'Dipartiment ieħor – dejjem però governattiv – jitkeċċa mill-impjieg.....". Dik il-Qorti, fl-ewwel istanza, kienet illiberat lill-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet mill-Osservanza tal-ġudizzju. F'Sede ta' l-Appell, il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat dina l-parti tad-deċiżjoni u sabet ukoll ħati lill-imsemmi Ministru ta' diskriminazzjoni anti-Kostituzzjonali. Il-bażi deċiżiva li wasslet

lill-Qorti Kostituzzjonali (Sede Appell) kienet is-segwenti, jiġifieri li:

"Il-Gvern huwa wieħed, u kull Dipartiment huwa parti mill-istess Gvern. Għall-finijiet ta' diskriminazzjoni wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni dak li jagħmel il-Gvern *quid unum* fil-konfront ta' dawk li qegħdin fis-servizz tiegħu, ikunu f'liema Dipartiment ikunu";

Din is-sentenza ngħatat fid-29 ta' Jannar, 1986;

Ovvjament, dak li ngħad kemm fil-konfront tad-Direttur tax-Xogħlijiet u ta' l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet, japplika *multo magis* u bil-forza kollha tiegħu *di fronte* l-intimat Segretarju Amministrattiv. L-istess intimat (ara xiehda mogħtija fil-5 ta' Marzu, 1985, a fol. 105/6 tal-proċess) jgħid hekk:

"Jekk jittieħdux passi, jew le, apparti minn dawk li jkunu diġà rrakkomanda d-Dipartiment neħodha jien bħala Segretarju Amministrattiv u nkun jien illi nieħu deċiżjoni jekk jittieħdux passi jew le, però kwantu għall-piena mbagħad dan jerfagħha l-Prim Ministru. Il-każ jiġi rriferit lill-*Public Service Commission* u dwar dak x'isir mill-impjegat ikkonċernat";

Il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ in diżamina saret diskriminazzjoni kontra r-rikorrent Galea bi ksur tal-preċitat artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Bħar-rikorrent, kien hemm diversi persuni oħrajn, min impjegat u min student-ħaddiem, li kien qiegħed jikteb f'ġurnali lokali, kitbiet ukoll b'xejra politika jew dwar l-amministrazzjoni tal-pajjiż. Inzerta li kontra dawk kollha li kitbu f'ġurnali li fihom ma kitibx ir-rikorrenti ma ttieħdu l-ebda passi dixxiplinarji. Kif ritenut mill-Qrati tagħna (ara per

eżempju *l-kawża Kostituzzjonali in re:* **Saviour Gauci vs Direttur ta' l-Edukazzjoni** mogħtija fl-14 ta' Lulju, 1979), f'każijiet analogi l-Qorti tagħti importanza u tħares lejn il-fatti li jirriżultaw u mhux lejn il-movent ta' min ikun allegatament aġixxa b'mod diskriminatorju. U dana kollu peress illi l-Qorti *tifhem* li l-artikolu 46(3) għandu jiġi interpretat b'mod li ma jintħieġx lir-rikorrent jipprova b'di mod li l-intimat aġixxa b'xi movent politiku kontra r-rikorrent;

Ir-rikorrent, barra l-intimati fuq imsemmija, ipproċeda wkoll kontra ċ-*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Dana għamlu billi l-proċeduri li ultimament wasslu għas-sentenza tal-25 ta' Mejju, 1984 ingħatat lilu mill-Kummissjoni wara li kien tressaq quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni. Għandu jiġi osservat illi din il-kummissjoni kif rappreżentata mill-Bord tad-Dixxiplina għandha funzjoni ta' tribunal. Il-kumissjoni hija kkostitwita skond *l-istess* Kostituzzjoni. Il-kummissjoni m'għandha l-ebda funzjoni li tindaga każijiet li ma jkunux ġew irriferiti lilha. Hija, *invece*, tissindika dawk il-każi li jiġu mressqa quddiemha mill-intimat Segretarju Amministrattiv, kif sar ukoll f'dan il-każ. Ir-rikorrenti xehed li huwa tenna quddiem il-Bord it-teżi tiegħu dwar il-fatt li ħaddieħor kiteb f'ġurnali bħalu u kontrih ma ttieħdux passi u l-kummissjoni injorat dana l-ilment tiegħu. Hu kien rappreżentat ukoll biex jassistieh mis-Sur Maurice Agius li jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ġenerali ta' l-Unjoni Ħaddiema Magħqudin, li tagħha huwa membru r-rikorrenti. Skond dan ix-xhud il-Bord tad-Dixxiplina (ara xiehda tiegħu a fol. 245) irritjena li mhux kompitu ta' dak il-Bord li joqgħod jidħol fil-kwistjoni jekk saritx diskriminazzjoni jew le. "Kellhom każ quddiemhom u bħala tribunal jiddeċiedu fuq dak il-każ biss". Ix-xhud kompla hekk:

"F'każ, qalu huma, li r-rikorrenti kellu xi drittijiet oħra jfittixhom aliunde, quddiem l-awtorità kompetenti";

Dik il-Qorti dehrilha li l-eċċezzjoni li kien qiegħed jissolleva r-rikorrenti dakinhar kienet waħda ta' kompetenza ta' Qorti Kostituzzjonali. Wieħed kien għalhekk jistenna li kemm-il darba huwa kien konvint minnha huwa kien ta' l-anqas messu talab is-sospensjoni tal-proċeduri għalbiex jippromwovi l-każ tiegħu. F'kull każ, għall-fini ta' din l-istanza trid almenu tirriżulta prova konvinċenti dwar il-fatt li tali eċċezzjoni ġiet tabilħaqq issollevata formalment. Il-provi prodotti dwar dan il-punt juru l-maqlub u m'humiex konvinċenti. Jgħid in kontroeżami s-Sur Agius:

"Qed niġi mistoqsi jekk l-eċċezzjoni tiegħi dwar diskriminazzjoni fil-fatt ġietx verbalizzata jew le, u jiena ma neskludix il-fatt, u jista' jkun li ġiet imnizzla fil-minuti, però jekk ma nfittix ir-"*records*" ma nistax ngħid: jekk nara r-"*records*" però nkun naf jekk ġietx "*minuted*" jew le;

"Mistoqsi mill-Qorti jekk fil-fatt iddeliberawx dwarha, jiena ngħid li l-idea tiegħi kienet illi "*it was brushed aside*";

Wara d-deċiżjoni finali mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali (Sede Appell) deċiża fil-21 ta' Jannar, 1985, dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrenti kellu kwalsiasi opportunità li, permezz ta' dik il-Qorti, jissindika l-operat intier ta' dak illi sar fil-proċeduri meħudin kontra tiegħu mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Mill-provi li huwa ressaq, dik il-Qorti m'hix tal-fehma li r-rikorrent ġab xi provi li bihom jista' jiġi tenut li l-kummissjoni mxiet miegħu b'mod diskriminatorju. L-aġir diskriminatorju, *invece*, kif diġà ngħad,

kien dovut għall-proċeduri li kienu diġà jew inizjati fil-konfront tar-rikorrenti Galea mill-intimati l-oħrajn;

Għandu wkoll jiġi rrilevat illi li kieku mill-bidu nett kien hemm l-istess sens ta' *buona volontà,* komprensjoni u sens ta' proporzjon kif jemerġi mid-deposizzjoni mogħtija mill-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet, din l-istanza żgur ma kinitx tieħu proporzjonijiet u dimensjonijiet daqstant ikkomplikati u travaljati. Altru persuna tikkontesta piena pekunjarja ta' mitt lira, u altru każ fejn ippermettiet sitwazzjoni ta' sospensjoni minn impjieg għal aktar minn sentejn b'nofs paga kontra d-direttiva espressa u espliċita ta' l-istess Segretarju Amministrattiv kif mgħoddija aktar minn darba lill-Ministeru u lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Barra minn dan, ġaladarba l-Aġent Direttur tad-Dipartiment ta' dak iż-żmien ħa l-briga u l-inkarigu fuq spallejh li jirreferi l-każ tar-rikorrenti lis-Segretarju Amministrattiv, huwa kien messu mpenja ruħu bl-istess żelu biex jara li tiġi ta' l-anqas attivata d-deċiżjoni milħuqa mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku u mhux joqgħod b'idejh fuq żaqqu jistenna li jingħata "*clearance*" mill-Ministeru – konswetudini li l-istess Segretarju Amministrattiv xehed li ma kienx jaf illi hija meħtieġa f'ċirkostanzi simili. Wara kollox, l-istess Assistent Kap fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Segretarju privat ta' l-Onorevoli Ministru, is-Sur Anthony Borg, jixħet ir-responsabbilità "*fairly and squarely*" fuq l-Aġent Direttur meta xehed (ara fol. 192):

"**Naturalment il-passi ttieħdu fuq responsabbilità tad-Direttur.** Jiena naf li ttieħdu passi effettivament u naf x'kien ir-riżultat. Aħna ma rċevejna l-ebda struzzjonijiet wara li spiċċa l-każ mis-Segretarju Amministrattiv, jiġifieri jiena ngħid li aħna ma rċevejna l-ebda struzzjonijiet, il-Ministeru, mingħand is-Segretarju Amministrattiv. **Però naf li kien hemm**

**struzzjonijiet tali li rċevihom id-Direttur tax-Xogħlijiet.** Naf illi l-istruzzjonijiet kienu fis-sens illi r-rikorrent għandu jiddaħħal lura għax-xogħol'';

Huwa minnu wkoll li l-Aġent Direttur mar jiċċara l-posizzjoni sija tal-Ministeru, fejn sab l-opposizzjoni għad-dħul lura tar-rikorrent fuq il-post tax-xogħol kif ukoll mas-Segretarju Amministrattiv li baqa' jinsisti miegħu biex jiddaħħal lura f'postu r-rikorrenti. Dato dan kollu, l-Aġent Direttur ma messux inqeda bil-pretest li ma kellux il-''*clearance*'' ministerjali;

Barra mill-piena inġustament inflitta fuq ir-rikorrenti, dan għandu jbati l-konsegwenza tan-nuqqas tad-dħul tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Xehed Carmel Pullicino, *Officer in Charge* mit-Taqsima tas-Salarji fil-*Public Works Department* li b'seħħ mis-6 ta' Jannar, 1984, ir-rikorrent tpoġġa '*on half pay*' u għadu hekk sal-lum. Il-grad tar-rikorrent fid-Dipartiment kien ta' ''*professional officer, grade one*''. Ir-rikorrenti, a tenur ta' l-Avviż Legali numru 48 tas-sena 1964 indika bħala rimedji partikolari, oltre dawk stipulati fir-rikors promotur, il-kundanna ta' l-intimati, jew min minnhom għall-ħlas lilu tas-segwenti:

(a) nofs il-paga mid-data tas-sospensjoni tiegħu;

(b) nofs il-*bonus* li ma ġiex imħallas fl-istess perijodu;

(ċ) it-tliet ''*increments*'' li ngħataw lill-kollegi ta' l-esponent annwalment;

(d) interessi ta' tmienja fil-mija (8%) minn kull skadenza;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija *Chairman* tal-Kummissjoni

dwar is-Servizz Pubbliku, Segretarju Amministrattiv, Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u Direttur tax-Xogħlijiet, ippreżentat fl-ewwel (1) ta' Ottubru, 1986, u li permezz tiegħu l-imsemmija intimati u kjamati in kawża appellaw minn dik is-sentenza u talbu lil din il-Qorti tirriforma l-istess sentenza billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant *Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhux ħati ta' *diskriminazzjoni politika kontra* l-appellat, tirrevokaha fil-komplament tagħha u fil-waqt li tiddikjara illi ħadd mill-appellanti ma kien ħati ta' diskriminazzjoni politika kontra l-appellat, tikkonferma d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u fil-waqt li tiddikjara ruħha mhux kompetenti biex tinforza l-istess deċiżjonijiet, tiċħad it-talbiet kollha ta' l-appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Rat ir-risposta tar-rikorrent Perit Vincent Galea, li, salv dak li jgħid f'dik il-parti fejn iddikjara li kien qiegħed jipprevalixxi ruħu mill-appell prinċipali ta' l-intimati, u jappella inċidentalment minn żewġ punti tas-sentenza, issottometta illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, għalhekk talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) *tikkonferma in kwantu ddikjarat lill-intimati ħatja ta'* ksur ta' l-artikolu 46 (il-lum 45) tal-Kostituzzjoni fil-konfront tiegħu, annullat id-deċiżjonijiet kollha tal-Bord tad-Dixxiplina u tal-*Public Service Commission* rigward l-akkuża li fuqha nstab ħati, ordnat ir-rijammissjoni immedjata u inkondizzjonata tiegħu fil-post li kien jokkupa qabel is-sospensjoni, mingħajr telf ta' benefiċċju, u ordnat lill-intimati jħallsuh nofs il-paga u *bonus* mid-data tas-sospensjoni u kwalunkwe "*increment*" li ngħata l-impjegati tal-grad tiegħu mid-data *tas-sospensjoni;*

(b) tirrevokahà in kwantu sabet lill-intimat *Chairman* tal-*Public Service Commission* mhux ħati ta' diskriminazzjoni politika u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju;

(ċ) tirrevokaha in kwantu akkordat l-interessi bis-6% flok bit-8% mid-data ta' kull skadenza – u għalhekk tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent, u ċjoè, barra dawk ġà milqugħa mill-Ewwel Qorti tiddikjara wkoll liċ-*Chairman* tal-*Public Service Commission* ħati ta' diskriminazzjoni politika, bi ksur ta' l-artikolu 46 (il-lum 45) tal-Kostituzzjoni fil-konfront tiegħu, u tordna li l-interessi akkordati mill-Ewwel Qorti jkunu għab-bażi ta' 8%, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-intimati kollha;

Rat ir-risposta ta' l-appellanti għall-appell inċidentali ta' l-appellat u li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm esposti l-istess appellanti ssottomettew li t-talba għall-kundanna taċ-*Chairman* tal-*Publci Service Commission* għandha tiġi riġettata, u li m'hemmx lok għall-ħlas ta' interessi bi kwalunkwe rata, għalkemm jaqblu li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ffissat l-interessi bis-6%;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni, kompriżi l-imsemmija deċiżjonijiet parzjali tagħha tal-21 ta' Jannar, 1985, u tal-21 ta' Ottubru, 1985, u d-dokumenti kollha esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-Difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Għal dawk li huma fatti, dawn ġew eżawrjentement elenkati fis-sentenza appellata fuq il-bażi tar-riżultanzi proċesswali, u

mhux il-każ li jiġu ripetuti;

Fir-rigward ta' l-appell prinċipali taċ-*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, is-Segretarju Amministrattiv, l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u d-Direttur tax-Xogħlijiet, din il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-aggravji msemmija fir-rikors ta' l-appell relattiv, ma tistax tagħmel ħaġa oħra ħlief tirrileva li, kif diġà kienet irriteniet fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Jannar, 1986, fil-kawża fl-ismijiet "Cacopardo *vs* Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet *et*", kull dipartiment jifforma parti minn Gvern wieħed, u għall-finijiet ta' diskriminazzjoni għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-operat tal-Gvern bħala '*quid unum*' fil-konfront ta' l-impjegati tiegħu, indipendentement minn f'liema dipartiment ikunu;

Ma' dan jista' jiżdied li kieku ma kienx hekk kien ikollna sitwazzjoni ta' inċertezza u konfużjoni, ċertament indesiderata u mhux fl-interess tal-pajjiż, billi kull dipartiment kien ikollu regolamenti għalih, kważi kważi, nistgħu ngħidu, b'Estacode u Segretarju Amministrattiv għal kull dipartiment;

Kienet għalhekk korretta l-Ewwel Qorti meta għall-finijiet ta' diskriminazzjoni kkunsidrat l-aġir tal-Gvern fil-konfront ta' impjegati f'dipartimenti oħra oltre dak tar-rikorrent appellat, *stante* li, kif diġà ngħad, il-Gvern huwa wieħed;

B'riferenza għal dak li ġie sottomess fil-paragrafu 11 tar-rikors ta' l-appell, il-Qorti tirrileva li, relattivament għall-kwistjoni ta' żmien, għall-finijiet ta' diskriminazzjoni, dak li hu rilevanti hu l-istadju meta bdew jittieħdu passi dixxiplinarji kontra r-rikorrent appellat. Dak li hu għall-eżami tal-Qorti huwa jekk f'dak l-istadju saritx jew le diskriminazzjoni fil-konfront ta'

l-istess appellat. Kull ma sar wara huwa konsegwenzjali għal dak l-istadju; jekk kien hemm diskriminazzjoni f'dak l-istadju, dak li sar wara bħala riżultat ta' dik id-diskriminazzjoni jkun ukoll ivvizjat;

Għandu jiġi osservat illi l-kwistjoni quddiem il-Qorti m'hijiex dik jekk l-aġir tar-rikorrent appellat kienx espressament ipprojbit mill-Estacode, iżda l-vera kwistjoni hi jekk fil-każ ta' impjegati tal-Gvern oħra li wettqu l-istess attività tar-rikorrent appellat ittiħdux kontra tagħhom mill-istess *'employer'* tagħhom, jiġifieri l-istess Gvern, l-istess miżuri li ttieħdu kontra l-appellat, billi jekk ma ttiħdux ikun hemm diskriminazzjoni fis-sens ta' l-artikoli u 45 (ġà 46) tal-Kostituzzjoni;

Fuq il-bażi tal-provi prodotti u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida li tista' ġġiegħlha tiddipartixxi mill-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Jirriżulta ampjament mill-provi, infatti, li diversi persuni, uffiċjali pubbliċi, ikkonbtribwew f'ġurnali artikoli ta' natura politika jew amministrattiva, mingħajr l-ebda permess, u kontra tagħhom, kontrarjament għal dak li sar fil-każ tar-rikorrent appellat, ma ttieħdu l-ebda passi dixxiplinarji;

Fir-rikors ta' l-appell, in ġustifikazzjoni tal-fatt li minkejja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (ikkomunikata lilu bl-ittra tal-25 ta' Mejju, 1984) ir-rikorrent baqa' ma ddaħħalx lura għax-xogħol, ġie sottomess illi huwa "baqa' jmur kontra r-regoli tas-servizz, jikteb fuq ġurnali, jieħu sehem f'*meetings* politiċi....";

L-uniku komment li jista' jsir għal din is-sottomissjoni hu

li dan ma setax jiġġustifika r-rifjut biex l-appellat jerġa' jidħol lura għax-xogħol. Kull nuqqas eventwali tiegħu mbagħad ikun jista' talvolta jifforma l-mertu ta' passi dixxiplinarji fit-termini ta' l-Estacode konformement mad-disposizzjonijiet kongruwi tal-Kostituzzjoni. Din tidher li kienet anke l-fehma u l-atteġġjament ta' l-intimat appellant Segretarju Amministrattiv li spiċċa biex jgħid fix-xiehda tiegħu illi: "Fil-fehma tiegħi ma kien hemm l-ebda dritt f'dan il-każ illi jibqa' ma jiddaħħalx ir-rikorrent għax-xogħol tiegħu wara dak li kont ikkomunikajt jien". L-istess intimat jgħid ukoll illi huwa baqa' jinsisti fid-deċiżjoni li kien ħa li "l-ewwel għandu jiddaħħal u mbagħad, '*se mai*', nibdew proċeduri ġodda". Jista' jiżdied ukoll illi anke l-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet ta' dak iż-żmien jgħid li meta tkellem mas-Segretarju Amministrattiv dana qallu "biex naraw kif nagħmlu biex (l-appellat) jerġa' jiddaħħal jaħdem fid-Dipartiment u jiena għidtlu illi nara x'nista' nagħmel";

Ir-rikorrent, kif jidher mir-risposta tiegħu ta' l-appell, ipprevalixxa ruħu mill-appell prinċipali ta' l-intimati biex jappella inċidentalment minn żewġ kapi tas-sentenza, ċjoè, (i) dik il-parti fejn dik is-sentenza lliberat liċ-*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mill-osservanza tat-talba relattiva għad-dikjarazzjoni ta' ksur ta' l-artikolu 45 (ġà 46) tal-Kostituzzjoni u (ii) dik il-parti fejn ġew akkordati l-interessi tas-6%, u mhux tat-8% kif mitlub;

Rigward l-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ aggravji, m'hemmx għal fejn jingħad illi, kif tajjeb irrilevat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku "ma għandha l-ebda funzjoni li tindaga każijiet li ma jkunux ġew irriferiti lilha". Ma jidhirx li hemm għalfejn jiżdied ħafna iżjed ma' dan. Bl-ebda mod sodisfaċenti ma jirriżulta, infatti,

li l-eċċezzjoni b'riferenza għall-imsemmi artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ġiet formalemnt issollevata fil-proċeduri quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (li fi kwalunkwe każ l-anqas ma jidher li japplika għaliha l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni), u wisq anqas ma jirriżulta li kien hemm xi talba mill-appellat għas-sospensjoni tal-proċeduri quddiem il-Kummissjoni biex hu jkun jista' jistitwixxi l-azzjoni opportuna quddiem il-Qorti kompetenti. Ir-rikorrent appellant, għalhekk, ma għandu l-ebda raġuni jilmenta f'dan ir-rigward;

Fil-każ tat-tieni aggravju msemmi mir-rikorrent fl-appell inċidentali tiegħu, ċjoè dak dwar l-interessi akkordati mill-Ewwel Qorti, u b'riferenza għal dak li ġie sottomess f'dan ir-rigward mill-intimati appellanti fir-risposta tagħhom għal dan l-appell inċidentali, il-Qorti wara li tagħmel riferenza għar-regolament numru 3 ta' l-Avviż Legali numru 48 tas-sena 1964 u għall-artikoli 1182 u 1090 tal-Kodiċi Ċivili, kif emendati bl-Att nru: VI ta' l-1983 (liema emenda evidentement sfuġġiet lill-Ewwel Qorti), ma tara l-ebda raġuni il-għaliex dan l-aggravju ma għandux jiġi akkolt;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi (i) tiċħad l-appell prinċipali interpost miċ-*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, is-Segretarju Amministrattiv, l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u d-Direttur tax-Xogħlijiet;

(ii) tiċħad ukoll l-appell inċidentali tar-rikorrent Vincent Galea in kwantu jirriferixxi għal dak il-parti tas-sentenza appellata li lliberat liċ-*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mill-osservanza tal-ġudizzju billi mhux ħati ta' diskriminazzjoni politika;

(iii) tilqa' l-appell inċidentali ta' l-imsemmi Vincent Galea in kwantu jirriferxxi għar-rata ta' interessi, u għalhekk;

(iv) tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tirrevokaha in kwantu fil-paragrafu (d) iffissat rata ta' interessi tas-sitta fil-mija (6%), minn flok tiffissa rata tat-tmienja fil-mija (8%), u tikkonferma l-istess sentenza fil-kumplament kollu tagħha;

L-ispejjeż ta' l-appell prinċipali jibqgħu għak-kariku ta' l-intimati appellanti, u dawk ta' l-appell inċidentali jitħallsu kwantu għal nofs (½) mill-intimati appellanti u nofs (½) mir-rikorrent appellat.